MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tal-25 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 191/2012

**A B**
**vs**
**Dr. Yana Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali**
**Davina Sullivan**
**b'digriet ta' l-20 ta' Novembru 2012 gew mahtura**
**kuraturi deputati**
**sabiex jirraprezentaw lill-assenti C D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' l-attrici pprezentat fl-24 ta' Awissu 2012 li permezz tieghu ippremettiet u resqet it-talbiet segwenti:

1. Illi l-partijiet izzewgu fit-12 ta' Novembru 2010 skond certifikat taz-zwieg anness u mmarkat (Dok A) u minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal ;

2. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghall-partijiet illi jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif ser jigi ppruvat fil-kors ta' din il-kawza;

3. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwa null u invalidu skond il-ligi;

Ghaldaqstant in vista tar-ragunijiet premessi, r-rikorrenti umilment titlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg bejn il-partijiet tal-10 ta' Gunju 2002 hawn fuq imsemmi huwa null u bla effett fil-ligi.

2. Tawtorizza lill-esponenti illi tirregistral-istess sentenza fir-Registru Pubbliku ta’ Malta.

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista ta’ dokumenti tal-attrici.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati ghall-konvenut assenti.

Ikkunsidrat;

L-attrici resqet ix-xhieda taghha bil-mezz tal-affidavit.

Qabel ma saret taf lill-konvenut, l-attrici diga kellha zewgt itfal ohra minn relazzjoni precedenti.

Il-konvenut huwa Tunezin. L-attrici spjegat illi kienet saret taf bil-konvenut minn fuq facebook u beda jhajjarha sabiex jiltaqghu f’Tunez. Hija accettat u meta kienet hemm il-konvenut talabha tizzewgu. Ghalkemm l-attrici spjegatlu li kien ghadu kmieni wisq biex jitkellmu fuq zwieg il-konvenut kien persistenti fuq din il-haga.

Fl-ahhar ikkonvinciha u l-attrici accettat bil-patt u l-kondizzjoni illi meta jizzewgu jinzlu jghixu Malta. Huma

ghalhekk izzewgu f’Novemru tas-sena 2010 gewwa Tunez permezz ta’ zwieg civili u nizlu Malta.

Wara biss ftit gimghat beda l-inkwiet peress li l-konvenut avza lill-attrici illi huwa kien behsiebu jmur lura Tunez peress li kien sab xoghol tajjeb hemmhekk. Ghalkemm l-attrici ma qablitx ma’ dan peress li mhux hekk kienu ftehmu, il-konvenut xorta tela’ wahdu Tunez u dam hemm madwar tmien gimghat. Gie lura ghal ftit, circa erba’ gimghat, u rega mar lura lejn Tunez.

Ghall-attrici dan ma kienx iz-zwieg illi kienu ikkontrattaw ghaliex il-ftehim ta’ bejn il-partijeit meta zzewgu kien li jizzewgu bir-rit civili gewwa Tunez u jinzlu joqghodu f’Malta.

Kompliet tispjega:

“D rega' telaq lejn it- Tunezija u hallieni wahdi hawn. Jien kont nipprova nfehmu illi dan taghna ma kienx zwieg. Kont nghidlu li jien kont qeghda nidejjaq nghix wahdi ghal dak it-tul ta' zmien meta hu jkun Tunez, u kont ukoll nispjegalu illi jekk ser nibqghu nghixu hekk ma setax ikollna relazzjoni b'sahhitha bejnietna. Izda D kien dejjem jghid illi ma kellux ghazla ohra, u li l-flus kienu qeghdin jigu mix-xoghol li kien qieghed jaghmel Tunez.

Fil-ftit gimghat li kien jaghmel Malta beda wkoll jippreferi johrog wahdu mal-hbieb milli joqghod mieghi. Jiena bdejt ninduna illi l-hajja ta' benjietna ma kinitx kif ghandha tkun relazzjoni bejn ragel u mara mizzewgin. Bdejt ninduna wkoll illi kont ghamilt zball kbir li zzewwigt.”

“…… ir-relazzjoni tieghi ma' D baqet sejra aktar lura. Mhux talli beda ibieghed ruhu minni, talli meta nipprova ncempillu u kien jirnexxieli naqbdu, u kien anka jaqtali il-mobile. Din il-haga kienet tiffrustrani hafna, kont naghmel hafna dwejjaq u nervi. Ma stajtx nifhem ghaliex D kien qieghed jaghmilli hekk.

Is-sitwazzjoni taz-zwieg taghna kompliet tiggrava meta D lanqas flus ma beda jaghtini. Ghaldaqstant kelli nfittex

xoghol u ghall-ewwel kont sibt xoghol part time bhala casual worker.”

“L-ahhar li smajt bih kien fis-sajf tas-sena 2011. Minn dak iz-zmien, ma smajt xejn iktar minn ghandu, la baqa jcempilli jew jirrispondi t-telefonati tieghi u wisq aktar ma kienx jaghtini flus biex nghix. Kien sparixxa totalment. La qatt rajtu aktar u lanqas smajt bih aktar. Hawnhekk ikkonvincejt ruhi li z-zwieg tieghi kien spicca u tfarrak irrirnedjabbilment, u li zewgi kien abbandunani. Iddecidejt filfatt li nsib xoghol full time minhabba li ma kellix bizejjed flus biex immantni lili nnifsi.”

“Sal-lum il-gurnata, jien ghadni ma smajt xejn minghand D.”

Xhedet ukoll omm l-attrici, Anna B:-

“Wara ftit girnghat mal-ewwel bdejt ninduna li dan iz-zwieg kien kollu problemi matul dan iz-zmien, A ma kienetx tkellimni wisq ghax kienet hadet ghaliha ghax jien ma stajtx naccetta lil D.

Wara ftit xhur, A qaltli 1i D kien telaq jahdem Tunes u hi kienet spiccat pratikament tghix wahidha. Ghaddew xi tmien xhur u binti kienet stqarret mieghi li l-affarijiet bejnha u zewgha ma kienu sejrin tajjeb xejn. Kienet qaltli li bil-hniena kien ikellima fuq it-telephone u meta kienet tipprova ccempillu hu kien jitfi l-mobile. Qaltli ukoll li anki fil-ftit gimghat li D kien jaghmel hawn Malta, kien aktar johrog ma shabu milli jghaddi l-hin ma' A.

Jien kont ghidt lil A illi d-dar tieghi kienet dejjem miftuha ghaliha. Sirt naf illi lanqas flus ma kien baqa' jaghtiha. Filfatt kont naghtiha xi flus jien biex tghix hi u z-zewgt uliedha. Tlabt lil A biex tigi lura d-dar u irnexxieli, ghax ftit wara A talbitni biex tigi lura d-dar ghax qaltli li s-solitudni kienet qed teqrida u apparti minn hekk jien kont naf li ma setghetx tghix aktar wahidha ghax finanzi ma kellix.”

Omm l-attrici kompliet tispjega illi kien hemm okkazzjoni fejn l-attrici saret taf li l-konvenut gie ghal ftit Malta u lanqas biss ikkomunika maghha.

Ikkunsidrat;

Permezz tal-kawza odjerna l-attrici qed titlob li z-zwieg taghha mal-konvenut, celebrat f'Tunez, it-Tunizija fit-12 ta' Novembru 2010 u registrat sussegwentement fir-Registru Pubbliku gewwa Malta, huwa null u bla effett ghaliex skond l-attrici l-kunsens tal-partijiet kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

**KUNSENS VIZJAT B'DIFETT SERJU TA' DISKREZZJONI TA' GUDIZZJU.**

L-artikolu 19 (1) (d) tal-Att Dwar iz-Zwieg, Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi zwieg huwa null jekk l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Diskrezzjoni ta' gudizzju hija spiss riferuta fil-gurisprudenza bhala "disretio judicii". Gie diversi drabi ritenut li d-decizzjoni li wiehed jizzewweg tirrikjedi qabel xejn li wiehed jaghmel apprezzament ta' xi jfisser li wiehed jghix hajja mizzewga, bid-drittijiet u l-obbligi li tali decizzjoni timporta.

Artikolu 2 fil-Kodici Civili taht it-titolu "**Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet tar-Ragel u l-Mara Lejn Xulxin**" jipprovdi illi:

"(1) Il-ligi tippromwovi l-ghaqda u l-istabbilita' tal-familja.

(2) Il-mizzewgin ghandhom jeddijiet indaqs u jerfghu responsabbiltajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom.

Ghandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin u li jieqfu ma' xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment.

Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi lu l-hilha taghhom, li jahdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu ghall-htigiet tal-familja"

Fil-fehma tal-Qorti il-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet tal-mizzewgin. Ghalkemm ma tax ix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, jirrizulta mix-xhieda tal-attrici u tax-xhud minnha prodotta, illi l-konvenut meta zzewweg lill-attrici ma kellux il-hsieb illi f'dan iz-zwieg il-konjugi ghandhom drittijiet indaqs u li t-tnejn ghandhom jippartecipaw fid-decizzjonijiet matrimonjali taghha. Kien qasir wisq iz-zmien bejn id-data taz-zwieg u d-decizzjoni unilaterali tal-konvenut li jmur lura it-Tunezija biex jahdem, sabiex tali decizzjoni ma titfax dawl fuq l-animu zbaljat li bih dahal ghal dan iz-zwieg il-konvenut. Mill-provi imressqa jirrizulta illi fiz-zwieg mal-attrici, il-konvenut aktar kien qed ihares lejn il-beneficju immedjat li akkwista li jigi Malta minghajr xkiel milli li jifforma relazzjoni stabbli mal-attrici u jifformaw familja. Il-komportament tieghu tant vicin wara z-zwieg fejn prattikament jabbanduna lill-attrici, ihalliha nieqsa finanzjarment, u jaqta' kull kuntatt maghha, jwasslu lill-Qorti tikkonkludi illi minn qabel ma l-konvenut izzewweg lill-attrici, huwa ma kellu l-ebda intenzjoni li jassumi l-obbligi ta' ragel mizzewweg versu l-attrici.

Ghalhekk il-kunsens tieghu kien vizzjat b'tali mod li jirrendi z-zwieg tal-partijiet null.

**DECIDE**.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talba attrici b'dan illi:

1. Tiddikjara z-zwieg civili ikkuntrattat bejn il-partijiet f'Tunez fit-12 ta' Novembru 2010 u

sussegwentement registrat fir-Registru Pubbliku, bhala null u bla effett fil-ligi.

2. Tordna sabiex issir l-annotazzjoni relativa fir-Registru Pubbliku.

Spejjez a kariku tal-konvenut C D E.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------